MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 671/2002

**Charles Borg f'ismu u ghal kull interess li ghandu f' "Didi Auto Dealer"**

**vs**

**Anthony Camilleri
Maria Dolores Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur proprio et nomine sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Illi jhallsu lill-attur is-somma ta' elf, sitt mija u erbgha u hamsin Lira Maltin (LM1654.00,0) rappresentanti import ta' tlieta u tletin (33) kambjala, tnejn u tletin ta' LM50-il wahda u wahda ta' Lm54, debitament accettati u skaduti minn Novembru 1999 sa Lulju 2002 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 33 konsekuttivament u inklusivament;**

**2. Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Awissu tas-sena 2002 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota' ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Dolores Camilleri datata d-29 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi kif jidher mill-istess kambjali, "l-isem tal-persuna li ghandu jhallas" huwa l-konvenut l-iehor Anthony Camilleri;**

**2. Illi inoltre l-eccipjenti qatt ma giet provduta b'fondi la mit-traent u lanqas mill-persuna li ghandu jhallas; u**

**3. Illi f'kull kaz, il-kambjali la gew prezentati ghall-hlas lit-trattarju u lanqas ma gew protestati kontra tieghu;**

**Rat il-kapitolu mitlub fil-konfront tal-konvenut Anthony Camilleri;**

**Rat il-verbal datat il-25 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu r-rapprezentant legali ta' l-attur pro et noe irtira l-kapitolu fuq indikat;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-konvenuti accettaw tlieta u tletin (33) kambjala li minnhom tnejn u tletin (32) huma hamsin Lira Maltin, (LM50.00,0)-il wahda u ohra hija ta' erba' u hamsina Lira Maltin, (LM54.00,0);**

**2. Illi l-accettazzjoni ta' dawn il-kambjali huwa assodat permezz tal-firma tal-konvenuti fuq kull wahda minnhom;**

**3. Illi stante li l-konvenuti baqghu inadempjenti l-attur proprio et nomine kien kostrett jipprocedi b'din il-procedura;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi sodisfatta mill-ezattezza tal-kambjali din il-qorti hi prekluza milli tiehu konjizzjoni tal-problematika sollevata mill-konvenuta stante li l-istess ligi tippreskrivi dan;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur proprio et nomine pprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tirrileva li l-konvenut lanqas biss indenja ruhu jippartecipa b'xi mod f'din il-procedura, u takkolji t-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------